MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 61/2004

**Claudine Mock**

**vs**

**Daniel Mias
u b'digriet tas-26 ta' Frar, 2004 il-Qorti ordnat li jigi kancellat il-kunjom 'Mias' u sostitwit bil-kunjom "Mais"**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fid-29 ta' Jannar, 2004 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf u disa' mitt lira Maltin (Lm1,900) dovuta lill-istess attrici rapprezentanti bilanc ta' self *brevi manu* a favur il-konvenut, liema ammont gie rikonoxxut mill-istess konvenut in forza ta' skrittura ffirmata bejn il-partijiet u li ggib id-data tal-25 ta' Awissu, 2003.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 11 ta’ Dicembru, 2003 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-imsemmija skrittura, u cioe’ 25 ta’ Awissu, 2003, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi l-ebda ammont ma hu dovut mill-esponenti, u dan peress illi l-esponenti hallas kwalunkwe ammont li kien dovut lill-attrici, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal rifuzjoni ta’ ammont ta’ flus mislufa lill-konvenut, liema ammont il-konvenut qed jghid illi gia hallas.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi li l-partijiet ghamlu zmien johorgu flimkien u fuq talba tal-konvenut, l-attrici sellfet ammonti ta’ flus kemm ghal skopijiet personali tal-konvenut, kif ukoll ghall-skopijiet tan-negozju.

L-attrici pproduciet dokument a fol. 15, fejn turi l-firma ‘D. Mais’ u c-cifra ta’ Lm1,900 taht kolonna *running balance*.

Fix-xhieda illi tat l-attrici esebit dokument mmarkat Dok CM fejn tat rendikont car u ezatt ta’ l-ammonti illi silfet lill-konvenut u l-ammonti illi hallas lura, biex iggustifikat l-ammont mitlub ta’ elf u disa’ mitt lira Maltin (Lm1,900).

Minkejja li l-konvenut nnega xi whud mill-ammonti mislufa, l-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma kienx onest u veritier fix-

xhieda tieghu.  Il-Qorti kellha l-opportunita' tosserva l-komportament tal-kontendenti fuq il-pedana tax-xhud u hija sodisfatta illi l-attrici kienet qeda tghid il-verita u verament ghandha tiehu l-ammont mitlub.

Minn naha l-ohra l-konvenut deher nebuluz, ma kienx jaf ezatt meta u kif hallas u halla l-impressjoni illi jrid iqarraq u jcahhad lill-attrici dak illi gustament hu dovut lilha.  Il-konvenut jidher illi huwa ammariggjat talli r-relazzjoni bejnithom ma baqghetx l-istess u sab mezz kif jinkwieta lill-attrici billi jinnega xi ammonti milli taghtu.

Il-Qorti ghalhekk, tinsab konvinta illi l-attrici ghandha ragun u ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' elf u disa mitt lira Maltin (Lm1,900) rapprezentanti bilanc ta' self *brevi manu* a favur l-istess konvenut, liema ammont gie rikonoxxut mill-istess konvenut in forza ta' skrittura ffirmata bejn il-partijiet u li ggib id-data tal-25 ta' Awissu, 2003.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------